KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fil-25 ta' Ottubru 2012 [1]

Kawża C-360/11

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Renju ta' Spanja

"Nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligi — Direttiva 2006/112/KE — Punti 3 u 4 tal-Anness III - Rata ta' VAT imnaqqsa — Provvista ta' oġġetti li għalihom rati mnaqqsa jistgħu jiġu applikati — Prodotti farmaċewtiċi normalment użati għall-kura tas-saħħa, prevenzjoni ta' mard u bħala trattament għal skopijiet mediċi u veterinarji — Tagħmir mediku, apparat u strumenti oħra normalment maħsuba biex itaffu jew jikkuraw id-diżabbiltà, għall-użu esklużiv u personali tal-persuni b'diżabbiltà"

I – Introduzzjoni

1. Taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), Stati Membri jistgħu japplikaw rata ta' VAT imnaqqsa għal prodotti farmaċewtiċi u ċerti mezzi mediċi. Il-Kummissjoni ppreżentat proċeduri ta' ksur kontra r-Renju ta' Spanja għax tikkunsidra li l-Istat Membru applika rata ta' VAT imnaqqsa fuq kategoriji usa' ta' oġġetti minn dak li huwa pprovdut fil-punti 3 u 4 tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ("id-Direttiva tal-VAT") [2].

2. Ir-Renju ta' Spanja isostni li r-rikors għandu jkun miċħud. Huwa jikkunsidra li l-kategoriji ta' oġġetti u ta' servizzi fl-Anness III tad-Direttiva tal-VAT ma humiex definiti b'mod ċar biżżejjed li jistħoqqilhom proċeduri ta' ksur.

II – Il-kuntest ġuridiku

a) Dritt tal-Unjoni Ewropea

3. L-Artikolu 96 tad-Direttiva tal-VAT jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom japplikaw rata standard ta' VAT, li għandha tiġi ffissata minn kull Stat Membru bħala persentaġġ ta' l-ammont taxxabbli u li għandha tkun l-istess għall-provvista ta' merkanzija u għall-provvista ta' servizzi."

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 — ĠU L 347, p. 1.

4. L-Artikolu 98 tad-Direttiva tal-VAT taħt paragrafu 2 intitolat “rati mnaqqsa” jipprovdi:

“1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw jew rata mnaqqsa waħda jew żewġ rati mnaqqsa.

2. Ir-rati mnaqqsa għandhom japplikaw biss għall-provvisti ta’ oġġetti jew servizzi fil-kategoriji stabbiliti fl-Anness III.

…”

5. Il-punt 3 tal-Anness III tad-Direttiva tal-VAT (“kategorija 3”) ikopri l-provvista tal-oġġetti li ġejjin:

“(3) prodotti farmaċewtiċi ta’ tip normalment użati għall-kura tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u bħala trattament għal skopijiet mediċi u veterinarji, inklużi prodotti użati għall-kontraċezzjoni u għall-protezzjoni sanitarja;”

6. Il-punt 4 tal-Anness III tad-Direttiva tal-VAT (‘kategorija 4’) ikopri l-provvista tal-oġġetti u servizzi li ġejjin:

(4) tagħmir mediku, għajnuniet u apparat ieħor normalment maħsuba biex itaffu jew jikkuraw id-diżabilità, għall-użu esklussiv u personali tal-persuni b’diżabilità, inkluża t-tiswija ta’ din il-merkanzija, u l-provvista ta’ siġġijiet tat-tfal tal-karrozza; ”

b) Dritt nazzjonali

7. Il-paragrafi 1(5) u 1(6) tal-ewwel taqsima tal-Artikolu 91 tal-Ley española del IVA (Liġi Spanjola fuq il-VAT) [3] tipprovdi għall-applikazzjoni ta’ rata ta’ VAT imnaqqsa fuq il-provvista tal-oġġetti li ġejjin:

‘5. Mediċini għal użu veterinarju u sustanzi mediċinali li jistgħu jiġu użati abitwalment u b’mod xieraq fil-produzzjoni ta’ prodotti mediċinali.

6. Strumenti u aċċessorji, inkluż nuċċalijiet b’lentijiet korrettivi u lentijiet tal-kuntatt, li meqjusa oġġettivament, jistgħu jiġu użati essenzjalment jew primarjament biex itaffu diżabbiltà fiżika fi bnedmin u f’annimali, inkluż limitazzjonijiet fil-mobbiltà u fl-abbiltajiet komunikattivi tagħhom.

Mezzi mediċi, materjal, apparat u strumenti li, ikkunsidrati oġġettivament, jistgħu jintużaw biss sabiex jiġu pprevenuti, dijanjostikati, trattati, imtaffija jew jiġi mfejjaq mard jew kundizzjonijiet mediċi relatati mal-bnedmin jew mal-annimali.

Ma humiex inklużi f’din il-kategorija prodotti kożmetiċi u prodotti ta’ iġjene personali esklużi xugamani sanitarji, tampuni u panty liners’

8. Il-paragrafu 1(3) tat-tieni taqsima tal-Artikolu 91 tal-Ley española del IVA jipprovdi għall-applikazzjoni ta’ rata ta’ VAT imnaqqsa fuq il-provvista tal-prodotti li ġejjin:

‘Mediċini għall-użu tal-bniedem, kif ukoll sustanzi mediċinali, forom farmaċewtiċi u prodotti intermedjarji li jistgħu jintużaw abitwalment u b’mod xieraq fil-produzzjoni ta’prodotti mediċinali’

3 — Liġi 37/1992.

III – Proċedura prekontenzjuża

9. Permezz ta' ittra tat-22 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni informat lir-Renju ta' Spanja li tqis is-sistema ta' rati ta' VAT imnaqqsa pprovdut fil-paragrafi 1(5) u 1(6) tal-ewwel taqsima tal-Artikolu 91 u l-paragrafu 1(3) tat-tieni taqsima tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola li qed jinkisru l-obbligi tar-Renju Spanjol taħt id-Direttiva tal-VAT.

10. Ir-Renju ta' Spanja wieġeb fit-28 ta' Mejju 2010 li huwa jikkunsidra d-dispożizzjonijiet Spanjoli dwar rati ta' VAT imnaqqsa bħala li huma konformi mad-Direttiva tal-VAT.

11. Il-Kummissjoni ma kkunsidratx l-argumenti li ngħataw mir-Renju Spanjol bħala suffiċjenti u fil-25 ta' Novembru 2010 indirizzat opinjoni motivata, fejn titlob lir-Renju Spanjol sabiex jieħu azzjoni xierqa fit-terminu.

12. Peress li ir-Renju ta' Spanja żamm il-pożizzjoni tiegħu fir-reazzjoni tiegħu għall-opinjoni motivata tagħhom li d-dispożizzjonijiet Spanjoli dwar oġġetti li għalihom rati ta' VAT imnaqqsa huma applikati huma konformi mad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni iddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

IV – Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. Fir-rikors tagħha tat-8 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara li r-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 98 tad-Direttiva tal-VAT moqri flimkien mal-Anness III tiegħu billi applika rata ta' VAT imnaqqsa għall-kategoriji ta' prodotti li ġejjin:

1) Sustanzi mediċinali li jistgħu jiġu użati abitwalment u b'mod xieraq fil-manifattura ta' prodotti mediċinali (paragrafu 1(5) tal-ewwel taqsima tal-Artikolu 91 u l-paragrafu 1(3) tat-tieni taqsima tal-Artikolu 91 tal-Liġi tal-VAT Spanjola).

2) Mezzi mediċi, materjal, tagħmir u strumenti li, ikkunsidrati oġġettivament, jistgħu jintużaw biss sabiex jiġu pprevenuti, djanjostikati, trattati, imtaffija jew imfejqa mard jew kundizzjonijiet mediċi relatati mal-bniedem jew mal-annimali, iżda li ma humiex "normalment intiżi sabiex itaffu jew jitrattaw diżabbiltajiet, għall-użu personali u esklużiv tal-persuni b'diżabbiltà", (paragrafu 1(6) tal-ewwel taqsima tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola).

3) Apparat u tagħmir li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw bħala sostenn għal diżabbiltajiet fiżiċi tal-annimali (paragrafu 1(6) tal-ewwel taqsima tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola).

4) Apparat u tagħmir li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw bħala sostenn għal diżabbiltajiet tal-bniedem, iżda ma humiex intiżi għall-użu personali u esklużiv tal-persuni b'diżabbiltà (l-ewwel parti tal-paragrafu 1(6) tal-ewwel taqsima tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola).

14. Il-Kummissjoni titlob ukoll li r-Renju ta' Spanja jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

V – Ammissibbiltà

15. Mingħajr ma tqajjem ilment ta' inammissibbiltà formali, ir-Renju ta' Spanja osserva fir-risposta tiegħu għar-rikors tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni kienet effettivament inkludiet fir-rikors tagħha ilment addizzjonali fir-rigward tal-applikazzjoni ta' rati ta' VAT imnaqqsa għal "prodotti intermedjarji" mingħajr ma inkludiet dan l-ilment fil-proċedura prekontenzjuża.

16. Peress li l-ebda ilment ta' inammissibbiltà formali ma tqajjem, jiena fi ħsiebni nanalizza l-ilmenti tal-Kummissjoni hekk kif ġew preżentati fl-applikazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, nikkunsidra li l-inklużjoni jew l-esklużjoni tat-terminu prodott intermedjarju fil-portata ta' din il-proċedura ta' ksur ma tagħmel l-ebda differenza għar-riżultat tal-proċeduri.

VI – Kunsiderazzjonijiet

A – *Osservazzjonijiet preliminari*

17. Qabel kollox huwa neċessarju li jitfakkar li s-sistema komuni tal-VAT tal-Unjoni Ewropea "għandha twassal, anki jekk ir-rati u l-eżenzjonijiet ma jkunux armonizzati b'mod sħiħ, għal newtralità fil-kompetizzjoni, b'mod li fit-territorju ta' kull pajjiż merkanzija u servizzi simili jġorru l-istess piż ta' taxxa, hu x'inhu t-tul tal-produzzjoni u l-katina tad-distribuzzjoni [4]". Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja l-introduzzjoni u ż-żamma ta' rati ta' VAT imnaqqsa huma ammissibbli biss sakemm ma jiksrux il-prinċipju ta' newtralità fiskali [5].

18. Għandu jiġi kkunsidrat qabel kollox li s-sistema ta' rata ta' VAT imnaqqsa hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li rata ta' VAT standard tapplika. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dispożizzjonijiet li għandhom in-natura ta' eċċezzjonijiet għal prinċipju għandhom jiġu interpretati b'mod strett u li dan japplika wkoll fil-każ ta' rati ta' VAT imnaqqsa [6].

19. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jitfakkar li iktar ma jkun hemm provvisti ta' oġġetti u ta' servizzi suġġetti għal rata ta' VAT iktar baxxa jew eżentati mill-VAT għal kollox, iktar issir importanti li jiġu identifikati b'mod ċar il-gruppi ta' oġġetti u ta' servizzi li għalihom rata ta' VAT imnaqqsa jew eżenzjoni hija applikata. Rata ta' VAT imnaqqsa tista' tiġi applikata biss għall-provvista ta' oġġetti u ta' servizzi koperti mill-kategoriji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva tal-VAT. Peress li dawn huma ta' natura ta' eċċezzjonijiet, il-portata tagħhom għandha tiġi interpretata b'mod strett.

20. Ir-Renju ta' Spanja ma jikkontestax il-proposta tal-Kummissjoni li l-kategoriji 3 u 4 għandhom jiġu interpretati b'mod strett, iżda jsostni li peress li l-espressjonijiet użati f'dawn id-dispożizzjonijiet ma ġewx definiti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, ma huwiex ċar liema prodotti huma koperti minnhom. Dan, skont ir-Renju ta' Spanja, ikkawża l-ħtieġa għall-interpretazzjoni tagħhom ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali tas-saħħa.

21. Fil-fatt, għandu jiġi kkunsidrat ukoll li mir-rekwiżiti tal-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li ma jagħmel ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha, għandhom normalment jingħataw, interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha, billi jitqies il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [7].

4 — Ara l-premessa 7 tad-Direttiva VAT.

5 — Ara s-sentenza tat-3 ta' April 2008, *Zweckverband zur Trinkwasserversorgung und Abwasserbeseitigung Torgau-Westelbien*, C-442/05, Ġabra p. I-1817, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata.

6 — Ara s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2001, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-83/99, Ġabra p. I-445, punt 19 u ġurisprudenza ċċitata, u iktar reċenti s-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, *Erotic Center*, C-3/09, Ġabra p. I-2361, punt 15.

7 — Ara wkoll, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, *NCC Construction Danmark*, C-174/08. Ġabra p. I-10567, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata.

22. L-espressjonijiet użati fil-kategoriji 3 u 4 jifformaw parti mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li ma jirreferux għad-dritt tal-Istati Membri għad-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tagħhom [8]. Madankollu, meta jiġi kkunsidrat li l-għanijiet soċjopolitiċi ta' sistema ta' rata ta' VAT imnaqqsa ma jistgħux jintlaħqu mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi partikolari fi Stati Membri individwali, l-irbit ta' definizzjonijiet użati f'sistemi nazzjonali ta' rata ta' VAT imnaqqsa ma' dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni nazzjonali oħra jista' għalhekk ikun iġġustifikat u anki raġonevoli, sakemm dawn id-definizzjonijiet ma jestendux il-portata tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT u jifformaw eċċezzjoni għas-sistema ġenerali.

23. F'dan il-kuntest għandu jitfakkar li ma kinitx l-intenzjoni tas-sistema tar-rati ta' VAT imnaqqsa li titrażżan kompletament id-diskrezzjoni ta' Stati Membri li jiddeterminaw l-oġġetti u servizzi li għalihom rata ta' VAT imnaqqsa tapplika. Din hija mill-inqas parzjalment dovuta għall-imprattikabbiltà u għall-ineffiċjenza tat-tentattiv li jkun hemm ipprovdut lista dettaljata ta' oġġetti u ta' servizzi fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

24. Din l-intenzjoni hija fil-fatt evidenti f'rapport li stħarreġ il-portata tal-Anness H tas-Sitt Direttiva tal-VAT [9], li fih il-Kummissjoni spjegat il-kuntest storiku tal-kategoriji elenkati fl-anness kif ġej:

"Minflok diskussjonijiet bla tmiem dwar x'għandu jew x'ma għandux ikun inkluż f'kategorija, sar biss meħtieġ għall-Kunsill li jaqbel fuq spjegazzjoni wiesgħa ta' definizzjoni ġenerali għal kull kategorija f'livell ta' Komunità (i.e. jiddeċiedi essenzjalment x'jaqa' barra mill-portata ta' kategorija). Suġġett li jirrispetta din id-definizzjoni ġenerali (billi ma jwessawx il-portata ta' kategorija), kull Stat Membru kien sussegwentement liberu li juża, fil-leġiżlazzjoni ta' implementazzjoni tiegħu, id-definizzjoni tiegħu għal kategoriji tiddependi fuq liema grupp partikolari ta' prodotti jew servizzi huwa xtaq jintaxxa b'rata mnaqqsa [10]".

25. Għalhekk għandu jiġi konkluż li l-fatt li l-portata u t-tifsira ta' kategoriji 3 u 4 fuq livell tal-Unjoni Ewropea għandha tkun interpretata b'mod strett, li jiġi kkunsidrat il-kliem, kuntest u l-iskop tad-dispożizzjonijiet [11] ma jipprekludix Stat Membru milli jiddetermina il-prodotti individwali li għalihom rata ta' VAT imnaqqsa hija applikata, sakemm dawn ma jkunux fil-portata ta' kategoriji 3 u 4.

26. Ser niddiskuti l-portata tal-kategoriji 3 u 4 fl-ordni tal-motivi tal-preżenti rikors ta' ksur ippreżentat mill-Kummissjoni.

B – *L-ewwel ilment: sustanzi mediċinali li jistgħu jiġu użati abitwalment u b'mod xieraq fil-manifatturar tal-prodotti mediċinali*

27. Bħala l-ewwel motiv għall-proċeduri ta' ksur, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa għal sustanzi mediċinali li jistgħu ikunu użati abitwalment u b'mod xieraq fil-produzzjoni ta' mediċina kif provdut minn paragrafu 1(5) tal-ewwel taqsima tal-Artikolu 91 u minn paragrafu 1(3) tat-tieni taqsima tal-Artikolu 91 tal-Liġi tal-VAT Spanjola hija prekluża mid-Direttiva tal-VAT.

8 — Skont l-Artikolu 100 tad-Direttiva VAT, huwa l-Kunsill, bbażat fuq rapport mill-Kummissjoni, li għandu jirrevedi l-portata ta' rati mnaqqsa kull sentejn u jemenda l-lista ta' oġġetti u ta' servizzi stabbiliti fl-Anness III jekk meħtieġ.

9 — Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima ('is-Sitt Direttiva tal-VAT') (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23). L-Anness H tas-Sitt Direttiva VAT kien trasferit għall-Anness III fir-riformulazzjoni tad-Direttiva VAT mingħajr tibdil fil-formulazzjoni tal-punti 3 u 4.

10 — Ara r-rapport mill-Kummissjoni għall-Kunsill skont l-Artikoli 12(4) u 28(2)(g) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ- Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima COM(94) 584 finali, p. 14.

11 — Ara *NCC Construction Danmark*, punt 23 u ġurisprudenza ċċitata.

28. Skont il-Kummissjoni, il-kategorija 3 tħalli lill-Istati Membri japplikaw rata ta' VAT imnaqqsa għal oġġetti li jissodisfaw żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel, iridu jkunu "prodotti farmaċewtiċi", u t-tieni, dawn il-prodotti iridu jkunu "normalment użati għall-kura tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u bħala trattament għal skopijiet mediċi u veterinarji."

29. Il-Kummissjoni tiddikjara li sustanzi mediċinali ma humiex koperti minn kategorija 3 minħabba li ma humiex prodotti finali u għalhekk ma jistgħux ikunu kkunsidrati li huma "normalment użati għall-kura tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u bħala trattament għal skopijiet mediċi u veterinarji". Il-Kummissjoni ssostni li fejn il-leġiżlazzjoni tal-UE kellha l-intenzjoni li kategoriji fl-Anness III tad-Direttiva tal-VAT tkopri wkoll sustanzi użati fil-produzzjoni ta' oġġetti, dan kien iddikjarat espressament. Pereżempju, kategorija 1 tal-Anness III tinkludi, minbarra "oġġetti ta' l-ikel", "annimali ħajjin, żerriegħa, pjanti u ingredjenti normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' affarijiet ta' l-ikel" ukoll.

30. Ir-Renju ta' Spanja jiddikjara li sustanzi mediċinali huma prodotti farmaċewtiċi fis-sens tal-kategorija 3. Ir-Renju ta' Spanja isostni li fin-nuqqas ta' definizzjoni fuq il-livell tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, huwa ġġustifikat li kellhom jirrikorru għal definizzjoni fid-dritt nazzjonali. Il-kunċett ta' sustanzi mediċinali użat mill-liġi tal-VAT Spanjola joriġina mill-liġi Spanjola (liġi 25/1990) li sadanittant ġiet imħassra. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, dan il-kunċett differenti mill-kunċett ta' materja prima [matières primaries] użat fil-liġi attwali (liġi 29/2006), u għall-provvista li għaliha rata ta' VAT imnaqqsa ma tapplikax.

31. Naqbel mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-kriterju għal oġġetti li għalihom rata ta' VAT imnaqqsa tista' tiġi applikata taħt kategorija 3. L-ewwel domanda hija għalhekk dwar jekk sustanzi mediċinali użati abitwalment u b'mod xieraq fil-manifatturar ta' prodotti mediċinali humiex prodotti farmaċewtiċi.

32. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-kunċett ta' prodott farmaċewtiku għandu jkun ipparagunat ma' prodotti mediċinali definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem[12] kif ġej:

"Kull sustanza jew taħlita ta' sustanzi għat-trattament jew prevenzjoni ta' ta' mard fil-bnedmin.

kull sustanza jew taħlita ta' sustanzi li tista' tkun amministrata lill-bniedem bil-ħsieb li ssir dijanjosi medika jew li terġa tagħti, tikkoreġi jew tibdel il-funzjonijiet fisjoloġiċi fil-bniedem hija meqjusa wkoll bħala prodott mediċinali".

33. Il-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi jużaw espressjonijiet differenti fil-kategorija 3 u fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE[13]. Il-Kummissjoni tinnota li, madankollu, fil-verżjoni Ġermaniża, il-kelma "Arzneimittel" hija użata fiż-żewġ dispożizzjonijiet. Din hija fil-fatt kelma iktar ristretta minn "prodotti farmaċewtiċi", iżda tidher li hija eċċezzjoni għal tendenza iktar ġenerali ta' użu differenti ta' espressjonijiet.

34. Fil-fehma tiegħi huwa ċar li prodotti mediċinali huma prodotti farmaċewtiċi, iżda għandi dubju jekk huwiex xieraq li nassumi li l-oppost huwa wkoll minnu bħal ma tgħid il-Kummissjoni. Iż-żewġ direttivi isegwu oġġettivi kemxejn differenti, u mingħajr riferiment espress għal definizzjoni f'direttiva oħra, inżomm lura milli nistabbilixxi konnessjoni bejniethom.

12 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69.

13 — Pereżempju, bl-Ingliż "pharmaceutical product" u "medicinal product", bil-Franċiż "les produits pharmaceutiques" u "médicament", bit-Taljan "prodotti farmaceutici" u "medicinale".

35. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' prodott mediċinali fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE torbot il-kunċett ma' kura medika ta' bnedmin. Min-naħa tiegħu, il-kunċett prodott farmaċewtiku fil-kategorija 3 ikopri wkoll użu veterinarju. Jidhirli li l-espressjoni prodott farmaċewtiku użat fil-kategorija 3 huwa intiż sabiex ikun usa' mill-kelma prodott mediċinali bħalma hija iddefinita fid-Direttiva 2001/83/KE.

36. It-tieni kriterju tal-prodotti "normalment użati għall-kura tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u bħala trattament għal skopijiet mediċi u veterinarji" huwa fl-opinjoni tiegħi wieħed deċiżiv fid-determinazzjoni ta' jekk kategorija 3 tipprekludix l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa għal sustanzi mediċinali li jistgħu jintużaw abitwalment u b'mod xieraq fil-produzzjoni ta' prodotti mediċinali.

37. Il-formulazzjoni tal-kategorija 3 torbot id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodott farmaċewtiku mal-użu tiegħu. Tindika li prodotti farmaċewtiċi laħqu ċertu stadju fil-proċess ta' manifatturar tagħhom f'liema punt jistgħu jintużaw "għall-kura tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u bħala trattament għal skopijiet mediċi u veterinarji". Dan l-istadju ta' maturità jirrifletti wkoll l-objettivi ta' sistema ta' rata ta' VAT imnaqqsa.

38. L-objettiv ta' taxxa fuq il-valur miżjud huwa li jintaxxa oġġetti maħsuba għal konsum personali, u għalhekk twassal għal piż fuq il-konsumatur finali.[14]. L-iskop ta' sistema ta' rata ta' VAT imnaqqsa hija sabiex ittaffi l-impatt tal-VAT fuq il-konsumatur finali fir-rigward ta' oġġetti ikkunsidrati neċessarji, bħal prodotti farmaċewtiċi u tagħmir mediku għal persuni b'diżabbiltà[15].

39. Jidhirli b'mod ċar li sustanzi mediċinali użati fil-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi ma jistgħux jinbiegħu lil konsumaturi finali bħala tali, iżda biss bħala komponenti tal-prodott finali. Madankollu, sakemm sustanzi mediċinali huma wkoll "normalment użati għall-kura tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u bħala trattament għal skopijiet mediċi u veterinarji" u mqiegħda fis-suq għall-konsumaturi sabiex jixtru, ma hemmx raġuni għaliex rata ta' VAT imnaqqsa ma tistax tiġi applikata għalihom.

40. Huwa ċar ukoll li jekk rata ta' VAT imnaqqsa hija applikata għal prodotti farmaċewtiċi hija applikata għalihom irrispettivament mill-forma farmaċewtika, jew ta' dożaġġ. Newtralità fiskali tirrikjedi li oġġetti simili f'kompetizzjoni bejniethom huma soġġetti għal rata uniformi sabiex tiġi eliminata distorsjoni fil-kompetizzjoni. Differenza biss fil-forma fiżika li biha l-oġġetti jinbiegħu, pereżempju pilloli jew forma likwida, ma jistgħux jiġġustifikaw bħala tali trattament ta' VAT differenti.

41. Għalhekk jidhirli b'mod ċar li l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa għal sustanzi mediċinali użati abitwalment u b'mod xieraq fil-manifatturar ta' prodotti mediċinali ma tistax tiġi kkunsidrata li tikkonforma mad-Direttiva tal-VAT, sakemm ma humiex "normalment użati għall-kura tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u bħala trattament għal skopijiet mediċi u veterinarji" u mqiegħda fuq is-suq sabiex jinxtraw mill-konsumaturi.

42. Konsegwentement, nikkonkludi li l-ewwel ilment tal-Kummissjoni għandu jintlaqa'.

14 — Ara wkoll is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012, *Lebara*, C-520/10, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata.

15 — Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2001, Il-Kummissjoni vs Franza, C-481/98, Ġabra p. I-3369, punt 32.

C – It-tieni ilment: mezzi mediċi, materjal, tagħmir u strumenti li jistgħu jintużaw biss sabiex jiġu pprevenuti, djanjostikati, trattati, imtaffija jew imfejqa mard jew kundizzjonijiet mediċi relatati mal-bniedem jew mal-annimali .

43. Bit-tieni motiv tal-proċedura ta' ksur, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa fuq mezzi mediċinali, materjal, tagħmir u strumenti li ikkunsidrati oġġettivament, jistgħu jintużaw biss sabiex jiġu pprevenuti, djanjostikati, trattati, imtaffija jew imfejqa mard jew kundizzjonijiet mediċi relatati mal-bniedem jew mal-annimali, iżda li ma humiex "normalment maħsuba biex itaffu jew jikkuraw id-diżabilità, għall-użu esklussiv u personali tal-persuni b'diżabilità" previst fil-paragrafu 1(6) tal-ewwel taqsima tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola tmur kontra d-Direttiva tal-VAT peress li dawn il-prodotti ma humiex koperti mill-kategoriji 3 u 4.

44. Fir-rigward tal-kategorija 4, l-argument tal-Kummissjoni huwa doppju. L-ewwel nett, tagħmir mediku użat għal skopijiet veterinarji ma huwiex kopert minn kategorija 4 li tirreferi għal tagħmir mediku, apparat u strumenti għall-użu esklużiv tal-bnedmin. It-tieni, il-kategorija 4 tirreferi għall-użu personali u esklużiv, u b'hekk teskludi użu ġenerali.

45. Ir-Renju ta' Spanja jsostni li l-espressjoni prodott farmaċewtiku użata fil-kategorija 3 tkopri wkoll mezzi mediċi peress li l-Artikolu 168 TFUE ġabar flimkien il-kliem prodott mediċinali u mezzi għall-użu mediku taħt l-istess objettiv fil-protezzjoni ta' saħħa pubblika, u indika li l-protezzjoni mogħtija lil waħda għandha tkopri wkoll lill-oħra [16]. Skont ir-Renju ta' Spanja din l-interpretazzjoni ma tirrendix lill-kategorija 4 mingħajr tifsira minħabba li tirreferi għal użu speċifiku ħafna ta' mezzi mediċi li ma humiex koperti mit-terminu prodott farmaċewtiku użat fil-kategorija 3. L-inklużjoni taħt il-kategorija 3 ta' mezzi mediċi li ma humiex intiżi għal dan l-użu speċifiku, iżda li huma "normalment użati għall-kura tas-saħħa, prevenzjoni ta' mard u bħala trattament għal skopijiet mediċi u veterinarji" hija għalhekk fl-opinjoni tagħhom konklużjoni li ma hijiex kontradittorja.

46. L-interpretazzjoni wiesgħa ta' prodotti farmaċewtiċi addottati mir-Renju ta' Spanja wasslet lill-awtorità tat-taxxa Spanjola (Dirección General de Tributos, id-"DGT") tapplika rata ta' VAT ta' 8 fil-mija għal, pereżempju, strumenti għal kejl tal-pressjoni tad-demm, termometri, labar tal-agupuntura u materjal, u ingwanti, maskri, ilbies u brieret għal użu mediku.

47. L-ewwelnett, ikolli naqbel mal-Kummissjoni li l-Artikolu 168 TFUE ma huwiex rilevanti f'dan il-kuntest peress li d-dispożizzjoni tirreferi biss għall-kwalità u għas-sigurtà ta' prodotti mediċinali u mezzi mediċi.

48. Rigward l-argument tar-Renju ta' Spanja li l-prodotti farmaċewtiċi jkopru mezzi mediċi lil hinn minn dawk imsemmija fil-kategorija 4, jidhirli li l-formulazzjoni u l-istruttura tal-kategoriji 3 u 4 hija evidenti minnha nnifisha. Jekk fil-fatt prodotti farmaċewtiċi kienu intiżi sabiex ikopru mezzi mediċi lil hinn minn dawk imsemmija fil-kategorija 4, kien ikun iktar sempliċi li jkun hemm kategorija waħda li tkopri l-"prodotti farmaċewtiċi" kollha, inkluż ukoll l-użu speċifiku indikat fil-kategorija 4, u mhux żewġ kategoriji separati iktar iddefiniti.

49. Il-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva tal-VAT jużaw kelma ġejja mil-Latin *pharmaceuticus*, li tindika "mediċinali" fil-kategorija 3. Għalhekk, il-fattur rilevanti li jiddetermina l-oġġetti li jaqgħu taħt din il-kategorija huwa l-kostituzzjoni kimika jew bijokimika [17] tal-oġġetti, u mhux biss l-iskop tal-użu tagħhom li jiġu pprevenuti, djanjostikati, trattati jew imtaffija mard.

16 — Artikolu 168(4)(ċ) TFUE jelenka "miżuri li jistabbilixxu standards għolja ta' kwalità u sigurtà għall-prodotti mediċinali u t-tagħmir għall-użu mediku [mezzi mediċi]" soġġetti għall-ksib ta' objettivi stabbiliti fl-Artikolu 168.

17 — Infakkar li fi trattament sostituttiv ta' mard bħal ipotirojdiżmu u d-diabete dipendenti fuq l-insulina ormoni ġejjin mill-annimali intużaw qabel ma kien hemm l-iżvilupp fil-bijoteknoloġija li ppermetta l-produzzjoni sintetika ta' ormoni tal-bnedmin.

50. Il-formulazzjoni tal-kategorija 4 jattribwixxi l-kriterji li ġejjin għal tagħmir mediku li għalih rata ta' VAT imnaqqsa tista' tiġi applikata: dawn l-oġġetti iridu jkunu "għall-użu esklussiv u personali tal-persuni b'diżabilità". Żewġ osservazzjonijiet ta' dan il-kliem jistgħu jsiru: l-ewwel nett, il-kategorija 4 tirreferi għal mezzi mediċi użati esklużivament mill-bnedmin, mingħajr ebda riferiment għall-użu veterinarju. It-tieni nett, l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa għal mezzi mediċi huwa rriżervat għall-"għall-użu esklussiv u *personali*", eskluż użu ġenerali.

51. Jista' jiġi preżunt li kieku l-leġiżlatur kellu l-intenzjoni jinkludi ukoll apparat mediku għal użu veterinarju wkoll, bħal fil-każ tal-prodotti farmaċewtiċi fil-kategorija 3, dan ikun espressament inkluż fil-kategorija 4. Huwa għalhekk ovvju li l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa għal mezzi mediċi, materjal, tagħmir u strumenti użati sabiex jiġu djanjostikati u trattati mard fl-annimali mhux konformi mad-Direttiva tal-VAT.

52. Jidher ugwalment ovvju mill-formulazzjoni tal-kategorija 4 li jeskludi użu ġenerali ta' tagħmir mediku, apparat jew mezzi użati fil-kura tas-saħħa sabiex jiġi pprevjenut, djanjostikat mard minn, pereżempju, tobba u infermiera, fi sptarijiet jew fi kliniki. Kull użu ġenerali ta' prodotti farmaċewtiċi, anki jekk il-kelma tkun interpretata b'mod wiesa' bħalma huwa ssuġġerit mir-Renju ta' Spanja, ikun eskluż mill-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa. Ma jidhirx li hemm varjazzjoni fir-rekwiżit għall-użu personali ta' tagħmir fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti [18].

53. Kif diġà osservajt iktar 'il fuq, l-objettiv tal-eċċezzjoni ta' rati ta' VAT imnaqqsa hija waħda soċjopolitika, intiża sabiex ittaffi l-piż tal-VAT fuq individwi fir-rigward ta' oġġetti kkunsidrati bħala ħtiġijiet. Ma huwiex konsistenti ma' dan l-objettiv li tiġi applikata rata ta' VAT imnaqqsa fuq oġġetti li huma użati minn professjonisti fil-provvista ta' kura medika, liema provvist, min-naħa tagħha, tista' tkun eżenti mill-VAT skont l-Artikolu 132 tad-DirettivaVAT.

54. Għaldaqstant, jien tal-opinjoni li l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa għall-provvista ta' mezzi mediċi, materjal, tagħmir u apparat li, ikkunsidrati oġġettivament, jistgħu jintużaw biss sabiex jiġu pprevenuti, djanjostikati, trattati, imtaffija jew imfejqa mard jew kundizzjonijiet mediċi relatati mal-bniedem jew mal-annimali, iżda li ma humiex "normalment maħsuba biex itaffu jew jikkuraw id-diżabilità, għall-użu esklussiv u personali tal-persuni b'diżabilità" ma humiex koperti mill-portata tal-kategoriji 3 u 4.

55. Konsegwentement, nikkonkludi li t-tieni ilment tal-Kummissjoni għandu jiġi milqugħ.

D – *It-tielet ilment: apparat u tagħmir li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw bħala trattament għal diżabbiltajiet fiżiċi tal-annimali*

56. It-tielet motiv għal proċeduri ta' ksur tal-Kummissjoni jikkonċerna l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa fuq apparat u tagħmir li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw bħala trattament għal diżabbiltajiet fiżiċi tal-annimali. Dan, skont il-Kummissjoni ma huwiex konformi mal-kategorija 4 minħabba li d-dispożizzjoni ma tagħmel l-ebda riferiment għall-annimali. Il-Kummissjoni ssostni li lanqas id-dispożizzjoni Spanjola ma hija koperta mill-kategorija 3 minħabba li tali oġġetti ma humiex prodotti farmaċewtiċi.

57. Ir-Renju ta' Spanja jsostni li mezzi mediċi u veterinarji huma prodotti farmaċewtiċi fl-istess sens intiż fil-kategorija 3.

18 — Pereżempju, il-verżjoni Spanjola tal-punt 4 tal-Anness III tuża l-kelma "uso personal y exclusivo".

58. Il-formulazzjoni tal-kategorija 4 li tkopri tagħmir mediku, apparat u strumenti oħra ma tagħmilx riferiment għal użu veterinarju ta' tali mezzi. Bħal ma ssemmi espressament użu veterinarju il-kategorija 3, jista' jiġi konkluż li kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea kellu l-intenzjoni li jinkludi tagħmir sabiex diżabbiltajiet tal-annimali jkunu mtaffija u ttrattatti, kien juża formulazzjoni skont din l-intenzjoni fil-kategorija 4.

59. Barra minn hekk meta jittieħed inkunsiderazzjoni li l-mediċina veterinarja ġiet distinta mill-mediċina tal-bnedmin anki f'żoni oħra tas-sistema tal-VAT [19], ikolli nikkonkludi li l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa għal apparat u għal tagħmir li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw għal trattament ta' diżabbiltajiet fiżiċi tal-annimali ma huwiex konformi mad-Direttiva tal-VAT.

60. Konsegwentement, nikkonkludi li t-tielet ilment tal-Kummissjoni għandu jintlaqa'.

E – *Ir-raba' ilment: apparat u tagħmir li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw bħala trattament għal diżabbiltajiet tal-bniedem iżda li ma humiex intiżi għall-użu personali u esklużiv tal-"persuni b'diżabilità"*

61. Bħala r-raba' motiv, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa fuq apparat mediku u tagħmir li jistgħu *essenzjalment jew prinċipalment* jintużaw sabiex itaffu diżabbiltajiet fiżiċi fil-bnedmin, iżda li ma humiex intiżi għall-użu personali u esklużiv tal-"persuni b'diżabilità" ma hijiex konformi mad-Direttiva tal-VAT minħabba li kategorija 4 ma tkoprix tagħmir mediku intiż għall-użu ġenerali. Il-Kummissjoni tiddikjara wkoll li l-interpretazzjoni Spanjola tat-terminu "diżabilità" hija wiesgħa wisq, peress li fil-prattika tiġi sinonima ma' "marid".

62. Ir-Renju ta' Spanja jsostni li fin-nuqqas ta' definizzjoni fid-dritt Ewropew tat-terminu "diżabilità", huma ddefenixxew "diżabilità" skont it-terminoloġija użata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Dan, skont ir-Renju ta' Spanja, iwassal għal interpretazzjoni, anki fil-qasam tat-tassazzjoni, li l-kelma "diżabilità" tindika l-persuni kollha inkapaċitati b'marda.

63. Huwa ċar mill-formulazzzjoni tal-kategorija 4 li s-sistema tar-rati ta' VAT imnaqqsa hija intiża għal tagħmir mediku li huwa għall-użu esklużiv ta' persuni b'diżabbiltà, u li dan l-użu jrid ikun personali, i.e. mhux ġenerali kif diskuss iktar 'il fuq. Żewġ domandi jqumu minn dan: l-ewwel nett, kif għandu jinftiehem it-terminu "diżabilità" fis-sistema tal-VAT tal-Unjoni Ewropea, u t-tieni nett, jekk l-"użu esklużiv" ikopri ukoll l-użu rreferut għalih fl-ewwel parti tal-paragrafu 1(6) tal-ewwel taqsima tal-Artikolu 91 tal-Liġi Spanjola fuq il-VAT.

64. Rigward l-interpretazzjoni tal-kelma diżabbiltà użata fil-kategorija 4, nikkunsidra li fin-nuqqas ta' definizzjoni espressa tal-kelma fil-kuntest ta' VAT, jista' isir riferiment għad-definizzjoni mogħtija mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbilità, li għaliha l-Unjoni Ewropea hija parti [20] "il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dawk li għandom indebolimenti fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi fuq perjodu twil li meta jinteraġixxu ma' diversi ostakoli jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn" [21].

19 — Fis-sentenza tal-24 ta' Mejju 1988, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Taljana, C-122/87, Ġabra p. 1-2685, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li servizzi pprovvduti minn kirurgi veterinarji ma jistgħux ikunu eżentati mill-VAT għalkemm il-provvista ta' kura medika fl-eżerċizzju tal-professjonijiet mediċi u paramediċi kienu eżentati.

20 — Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE, tas-26 ta' Novembru 2009, dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (ĠU L 023, p. 35).

21 — Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, Nazzjonijiet Uniti, Serje Trattati, Vol. 2515, p. 3.

65. Kif jissuġġerixxi dan, parti essenzjali tad-definizzjoni ta' diżabbiltà hija indeboliment li jtellef il-funzjonament normali għal żmien twil ta' individwu fis-soċjetà. Fl-opinjoni tiegħi il-kawża tal-indeboliment ma hijiex rilevanti, peress li l-kelma "diżabilità" użata fil-kategorija 4 hija wiesgħa biżżejjed sabiex tinkludi wkoll diżabbiltajiet ġejjin minn mard serju jew kroniku, mingħajr ma jkun sinonimu ma' "marid" [22].

66. Il-portata tal-kategorija 4 hija limitata iktar bir-rekwiżit li rata ta' VAT imnaqqsa tista' tiġi applikata biss għal tagħmir mediku, apparat u strumenti li huma għal użu *personali u esklużiv* tal-persuni b'diżabbiltà. Dan jeskludi użu ġenerali ta' oġġetti li, għalkemm użati sabiex itaffu jew jittrattaw diżabbiltà fiżika, huma użati fi sptarijiet, ċentri tas-saħħa, kliniki jew istituzzjonijiet oħra li jieħdu ħsieb persuni b'diżabbiltà. Dan jeskludi wkoll oġġetti li huma meħtieġa mill-persuni b'diżabbiltà, iżda għandhom ukoll użi oħra.

67. Ċerti prodotti jistgħu ikunu intiżi kemm għall-użu tal-persuni b'diżabbiltà u għall-skopijiet oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja ikkunsidrat li l-iskop ta' provvista ta' oġġett jista' fil-fatt jindika jekk rata ta' VAT imnaqqsa tistax tiġi applikata jew le [23]. Madankollu, f'dan il-kuntest ikun impossibbli fil-prattika tiżgura li l-persuni b'diżabbiltà biss, intiżi b'mod ċar li jkunu l-benefatturi ta' sistema ta' rata ta' VAT imnaqqsa, jibbenefikaw mir-rata ta' VAT imnaqqsa.

68. Il-Kumitat tal-VAT iddikjara fil-linji gwida tiegħu li "Stat Membru jista' japplika rata ta' VAT imnaqqsa għal oġġetti iddisinjati speċifikament għal persuni b'diżabbiltà (tagħmir mediku, apparat u strumenti oħra simili) li huma normalment mixtrija jew użati biss minn persuni b'diżabbiltà (permanentement jew temporanjament) sabiex itaffu jew jittrattaw l-ilmenti tagħhom. Prodotti normalment użati għal skopijiet oħra (eż telefown mingħajr fili) huma esklużi mid-dispożizzjoni, bħalma huma wkoll tagħmir mediku u apparat iddisinjat għall-użu ġenerali u mhux speċifikament għal persuni b'diżabbiltà (eż apparat ta' raġġi-x) [24].

69. Il-Kummissjoni reċentement ipproponiet li tinkludi fil-kategorija 4 tagħmir jew apparat iddisinjat speċjalment jew addattat għal-persuni b'diżabbiltà (eż. tastieri Braille, karozzi modifikati apposta, eċċ) li ma humiex eliġibbli għal rata mnaqqsa anki jekk jissodisfaw l-istess bżonnijiet [25], iżda dawn il-bidliet ma kienux inklużi fid-Direttiva 2009/47/KE li temenda d-Direttiva tal-VAT [26].

70. F'dan il-kuntest għandu jitfakkar li hemm metodi oħra minn rati ta' VAT imnaqqsa li huma disponibbli għal Stati Membru li jixtiequ jtaffu l-piż finanzjarju ta' persuni b'diżabbiltà li għandhom bżonn ta' tagħmir li jista' jiġi użat għal skopijiet oħra wkoll.

71. Konsegwentement, jien tal-opinjoni li l-portata tal-kategorija 4 teskludi l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa għal oġġetti użati essenzjalment jew prinċipalment mill-persuni b'diżabbiltà.

72. Konsegwentement, nikkonkludi li r-raba' ilment tal-Kummissjoni għandu jintlaqa'.

22 — Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2006, Chacón Navas, C-13/05, Ġabra p. I-6467, punt 44, li fih il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-kunċetti ta' "diżabbiltà" u ta' "mard" ma jistgħux jiġu trattati bħala li huma l-istess fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

23 — Ara s-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-41/09, punt 57, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja sabet li provvisti ta' żwiemel għall-qatla sabiex jiġu użati bi preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel jistgħu jiġu suġġett għal rata' ta' VAT imnaqqsa għalkemm provvisti ta' żwiemel għall-użu ġenerali ma jistgħux.

24 — Ara l-linji gwida tal-Kumitat tal-VAT, linji gwida li jirriżultaw mill-54 laqgħa tas-16-18 ta' Frar 1998, disponibbli fi: http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/taxation/vat/key_documents/vat_committee/2012_guidelines-vat-committee-meetings_en.pdf.

25 — COM(2008) 428 finali.

26 — ĠU 2009 L 116, p. 18.

VII – Konklużjoni

73. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

"(1) Tiddikjara li, billi tapplika rata ta' VAT imnaqqsa għall-kategoriji tal-oġġetti li ġejjin, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 98 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, fuq is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqrija flimkien mal-Anness III:

— Sustanzi mediċinali li jistgħu jintużaw abitwalment u b'mod xieraq fil-manifattura ta' prodotti mediċinali;

— Mezzi mediċi, materjal, tagħmir u strumenti li, ikkunsidrati oġġettivament, jistgħu jintużaw biss sabiex jiġu pprevenuti, djanjostikati, trattati, imtaffija jew imfejqa mard jew kundizzjonijiet mediċi relatati mal-bniedem jew mal-annimali, iżda li ma humiex "normalment maħsuba biex itaffu jew jikkuraw id-diżabilità, għall-użu esklussiv u personali tal-persuni b'diżabilità" ;

— Apparat u tagħmir li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw bħala trattament għal diżabbiltajiet fiżiċi tal-annimali;

— Apparat u tagħmir li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw bħala trattament għal diżabbiltajiet tal-bniedem, iżda li ma humiex intiżi għall-użu personali u esklużiv tal-persuni b'diżabbiltà.

(2) Tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż."